# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-15 ta' Settembru, 2016.**

**Rikors Numru 1254/2016 SM**

**L-Avukat Dottor Kevin F. Dingli (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 664359 (M)) u l-Avukat Dottor Lorna Mifsud Cachia (detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 507477 (M)) fil-kwalita` taghhom ta' mandatarji specjali ta' Hashem Khosrovani (detentur tal-karta tal-identita` Svizzera bin-numru C 6843684 u Kamran Amousegar detentur tal-passaport Svizzeru bin-numru X 4512347**

**vs.**

**Pilatus Bank plc (C – 62995)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat id-29 t'Awwissu, 2016; (ara foll 1 *et sequitur*);

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari precedenti taghha li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu ta' qabel, (ara foll 1 u 10), li permezz tieghu:

2.1. Iddikjarat li rat l-istess rikors guramentat promotur;

2.2. Akkoljiet b'mod provizorju t-talbiet kontenuti fl-istess rikors promotur;

2.3. Ordnat in-notifika tal-istess lill-kontro-parti ghar-risposta;

2.4. Appuntat ir-rikors *de quo* ghas-smiegh ghall-udjenza hemm indikata;

3. Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata s-7 ta' Settembru, 2016, (ara foll 12);

4. Rat id-dokumenti kollha annessi mill-partijiet;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi permezz tar-rikors guramentat promotur fuq indikat ir-rikorrenti *nomine* sintetikament esponew l-ilment taghhom hawn promoss bil-mod segwenti:

6.1. Illi ghandhom interess jipprotegu d-drittijiet tal-mandanti taghhom fuq indikati;

6.2. Illi ghalhekk jixtiequ jzommu lis-socjeta` intimata milli:

6.2.1. Tezegwixxi jew taghti sahha b'xi mod, direttament jew indirettament lil struzzjonijiet ta' pagament moghtija minn Matthew James Davies,

jew persuna ohra f'ismu, lill-Bank intimat permezz tal-istruzzjonijiet ta' pagament, (ara foll 6 sa 9), rigwardanti kontijiet bankarji miftuha mall-istess bank intimat f'isem is-socjetajiet *Gold Coaster Holdings Limited* u/jew *Garibaldi Management Investments Corp.*, socjetajiet inkorporati f'Anguilla u li taghhom ir-rikorrenti *nomine* huma sidien beneficjarji;

6.2.2. Tezegwixxi jew taghti sahha b'xi mod direttatment jew indirettament lill-struzzjonijiet ta' pagament moghtija minn Matthew James Davies, jew persuna ohra f'ismu, lill-Bank intimat rigwardanti kontijiet bankarji miftuha mal-istess Bank intimat f'isem l-istess socjetajiet indikati fil-paragrafu precedenti u li taghhom ir-rikorrenti *nomine* huma sidien beneficjarji;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

7.1. Illi l-mandanti huma s-sidien taz-zewg (2) socjetajiet esteri fuq indikati, (minn issa 'l quddiem indikati bhala "is-socjetajiet", (ara paragrafu numru sitta punt tnejn punt wiehed, (6.2.1.), aktar qabel);

7.2. Illi dawn is-socjetatjiet huma amministrati min socjeta` bl-isem *Mann Made Hong Kong Limited* registrata Hong Kong;

7.3. Illi Matthew James Davies hu mpjegat tal-istess socjeta` u kien obbligat jimxi fuq id-direzzjoni lilhu moghtija mill-istess socjeta`;

7.4. Illi minghajr m'inghata l-ebda struzzjonijiet, l-istess Davies ta` struzzjonijiet lill-Bank intimat biex jittrasferixxi mitt elf dollaru Amerikan, ($100,000.00), kif indikat fl-istess rikors promotur favur socjetajiet hemm indikati;

7.5. Illi dawn l-istruzzjonijiet ghalhekk huma abbuzivi, u gia` ssosspendiet lill-istess Davies mill-impjieg tieghu maghha;

7.6. Illi kemm -il darba ma jintlahaqx l-iskop tal-mandat odjern is-socjetajiet rapprezentati mir-rikorrenti *nomine* jkunu ppregudikati irrimedjabbilment;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi min-naha tieghu l-bank intimat sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

8.1. Illi l-istruzzjonijiet ghall-pagament indikati fir-rikors promotur ma gewx ezegwiti;

8.2. Illi l-pretensjonijiet dedotti mir-rikorrenti *nomine* m'humiex fil-konfront tal-Bank intimat izda rizultat ta' sitwazzjoni kontenzjuza li zviluppat bejn il-mandanti tal-istess u l-imsemmi Davies;

8.3. Illi ghalhekk jigi sottolineat li m'hemm l-ebda disputa bejn ir-rikorrenti *nomine* u l-bank intimat;

8.4. Illi in vista tal-premess, jirrimetti ruhhu;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi mill-analizi tal-vertenza kif abbilment esposta mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jirrizulta sintetikament is-segwenti in *prima facie*:

9.1. Illi Davies kien impjegat tas-socjetajiet esteri fuq indikati;

9.2. Illi allura l-istess Davies kien obbligat jagixxi skont l-istruzzjonijiet lilhu moghtija mid-direzzjoni tal-istess;

9.3. Illi minflok jidher li minn jeddu u kontra l-interessi tal-istess socjetajiet, dan Davies ta` struzzjonijiet specifici lill-bank intimat biex jittrasferixxi s-somma

precedentement indikata, (ara paragrafu numru sebgha punt erbgha, (7.4.) aktar qabel);

9.4. Illi tali azzjoni hi evidentement *prima facie* frawdolenti fil-konfront tas-socjetajiet in dizamina kif rapprezentati mir-rikorrenti *nomine* u ghalhekk kienu kostretti jintavolaw il-procedura odjerna biex jittutelaw l-interessi taghhom;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi in vista tal-premess tirrileva fir-rigward is-segwenti:

10.1. Illi *ai termini* tal-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta pacifiku li l-iskop tal-procedura odjerna hu li jzomm lill-bank intimat milli jaghmel xi haga li tilledi d-drittijiet tar-rikorrenti *nomine*;

10.2. Illi jkun ukoll jidher li r-rikorrenti ghandu dawk id-drittijiet minnhu hawn vantati, kif rikjamat fis-sentenza ***Sammut vs. Sammut, Prim' Awla tal-Qorti*** Civili, datata l-***5 ta' Gunju, 2003***;

Ikkunsidrat:

11. Illi l-preokkupazzjoni tar-rikorrenti *nomine* kif esposta fir-rikors promotur, tirrigwarda t-tentattiv tal-ex dirigenti Davies li jittrasferixxi somma kospikwa ta' flus mis-socjetajiet esteri tal-mandanti tar-rikorrenti *nomine* ghal go kumpaniji determinanti minnhu;

Ikkunsidrat:

12. Illi in effetti, il-fatt li l-istruzzjonijiet ta' Davies wasslu ghand il-Bank intimat, juri li l-preokkupazzjoni tar-rikorrenti *nomine* hi wahda reali, possibli u attwabbli;

13. Illi *di piu`*, id-dritt rikjamat mir-rikorrenti *nomine* biex jipprotegu lis-socjetajiet fuq riferiti jirrizulta li hu dritt konkret u jimmerita l-protezzjoni rikjesta;

14. Illi għalhekk, hi l-fehma ta' din il-qorti li l-istess preokkupazzjoni tar-rikorrenti *nomine* hawn esposta hi waħda *prima facie* leġittima, u allura għandha tattira l-protezzjoni mitluba;

**DECIDE:**

15.0. Illi in vista tas-suespost tqis li r-rikorrenti *nomine* ppruvaw it-talbiet tagħhom skont il-liġi u konsegwentement:

15.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti *nomine*;

15.2. Tvarja *contrario imperio* d-digriet preċedenti tagħha datat id-29 t'Awwissu, 2016, b'mod li issa l-mandat in dizamina jinħareġ b'mod permanenti;

15.3. Illi in vista tal-fatt li l-bank intimat sab ruħhu f'din is-sitwazzjoni intortament u kien preveġġenti bizzejjed li ma eżegwiex l-istruzzjonijiet lilu mogħtija, l-ispejjeż in dizamina huma a kariku tal-istess rikorrenti *nomine*;

---

Onor. Imħallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**